

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT

Olivér VÁRHELYI

Is-Saħħa u l-Benesseri tal-Animali

1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu?

Iddedikajt il-karriera kollha tiegħi għat-tisħiħ tal-Unjoni Ewropea – kemm bil-ħidma fuq l-approfondiment tal-integrazzjoni interna tagħha kif ukoll bl-avvanz tar-relazzjonijiet mal-viċinat dirett tal-UE u l-appoġġ lill-pajjiżi kandidati/kandidati potenzjali fil-perkors tagħhom lejn l-UE.

Qabel ingħaqadt mal-Kummissjoni Ewropea bħala Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir fl-2019, qattajt il-karriera professjonali kollha tiegħi bħala impjegat taç-çivil u ħdimt għall-progress fl-integrazzjoni Ewropea. Matul dan il-perjodu, ksibt fehim u għarfien profund tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u l-politiki settorjali differenti tal-UE, inkluż il-politika tas-saħħa u r-regoli dwar il-benesseri tal-annimali.

Urejt ukoll kemm jien kapaçi nippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni Ewropea billi kont Kap tal-Unità fil-Kummissjoni Ewropea meta nħolqot il-privattiva unitarja Ewropea fil-qafas tat-tisħiħ tat-tieni kooperazzjoni fl-UE. Matul dan il-perjodu kont responsabbli mill-iżvilupp u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali ta' setturi differenti, inkluż dak farmaċewtiku, mit-tisħiħ tal-vantaġġ kompetittiv tal-UE, u mill-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sħab internazzjonali tagħna.

Il-karriera tiegħi fl-amministrazzjoni pubblika Ungeriża, sew bħala l-Kap tas-Servizz Legali fil-missjoni tal-UE tal-Ungerija kif ukoll bħala l-Viçi Rappreżentant Permanenti fir-Rappreżentanza Permanenti tal-Ungerija għall-UE, offrietli bosta opportunitajiet biex naħdem fuq dossiers sensitivi politikament, ekonomikament u finanzjarjament relatati mas-setturi tas-saħħa u tal-ikel, fost l-oħrajn, il-leġiżlazzjoni farmaċewtika ġenerali u r-rieżami tagħha tal-2003, ir-Regolament dwar l-apparati mediċi, id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk jew id-Direttiva dwar il-possibbiltà li l-Istati Membri jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĖM ("id-Direttiva dwar l-OĖM") fit-territorju tagħhom.

Wara li nġaqadt mal-Kummissjoni Ewropea fl-2019, kelli l-pjaçir naqdi lill-UE bħala l-Kummissarju Ewropew għall-Viċinat u t-Tkabbir. F'dan iż-żmien, kont qed navvanza b' mod attiv ir-rispons tal-UE għal ħafna sfidi mhux previsti li sawru mill-ġdid ix-xenarju ġeopolitiku fl-Ewropa u fid-dinja. Parti importanti minn hdimiet i kienet li niżgura l-appoġġ lill-Balkani tal-Punent u lill-viċinat tal-UE wara l-pandemija tal-COVID-19. Għal dan l-għan, adattajna malajr għal skop ġdid l-assistenza eżistenti biex nipprovdu l-aktar ħtiġijiet urġenti, inkluż il-provvista tal-vaçcini, tal-prodotti terapewtiċi, u tat-tagħmir protettiv. Għamilna wkoll enfasi akbar fuq l-iżvilupp ta' sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti u l-allinjament tal-leġiżlazzjoni rilevanti mar-regoli tal-UE. B'kollox, għar-reġjuni kollha fil-portafoll tiegħi, f'dawn il-mument i kritiçi mmobilizzajna aktar minn €8.1 biljun.

Pereżempju, fir-rigward l-Ukrajna, fi Frar 2022 il-Kummissjoni Ewropea tat għotja ta' €120 miljun bħala appoġġ baġitarju biex tassisti lill-gvern fit-tisħiħ tat-tnejn u l-ġestjoni ċivili għall-kriżijiet fil-livelli ċentrali u lokali. Dan ikkontribwixxa għall-għoti kontinwu ta' servizzi bażiċi inkluża l-assistenza medika liċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet € 2-il miljun bħala appoġġ għal azzjonijiet relatati biex tappoġġa t-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riforma tal-indukrar tat-tfal u ssaħħa l-aċċess għall-kura li tqis it-trawmi għat-tfal. Espandejna s-sħubija mal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tal-programm EU4Recovery (€35 miljun), li jiffoka fuq il-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità, inkluż il-kura tas-saħħa fil-komunitajiet l-aktar esposti u dawk li jmissu magħhom. L-investimenti biex tittejjeb is-sistema tal-kura tas-saħħa pubblika tal-Ukrajna ġew inkorporati fil-Faċilità għall-Ukrajna, li se tkompli tappoġġa lill-Ukrajna fis-snin li ġejjin.

Nemmen bis-sħiħ li l-UE hija ħafna iktar b'saħħitha jekk il-ġirien tagħha jkunu aktar b'saħħithom. Għalhekk mill-bidu tal-mandat tiegħi bħala Membru tal-Kulleġġ, ħadt azzjoni biex nappoġġa l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiżi fil-portafoll tiegħi. Fid-dawl ta' dan, nedejna l-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent, għall-Viċinat tal-Lvant u għall-Viċinat tan-Nofsinhar. B'sodisfazzjon nista' ngħid li mill-mira ta' €77 biljun f'investimenti mobilizzati sal-2027, fi tmien il-mandat tiegħi konna diġà qbiżna l-ammont previst billi mmobilizzajna €54.68 biljun, li huwa aktar minn 70 % tal-mira għall-2027. Dan diġà jallinja sew mal-ambizzjoni tal-Linji Gwida Poliċi tal-President elett biex il-Kummissjoni 2024–2029 issir Kummissjoni tal-Investment. Barra minn hekk, f'dawn il-programmi integrati l-kura tas-saħħa bħala settur ewlieni ta' żvilupp fit-tliet reġjuni, u b'hekk is-sehem tal-appoġġ għall-azzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa mill-€579 miljun fl-aħħar 3 snin tal-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti (2018–2020) kien aktar minn €696 miljun (2021–2023), li jfisser żieda ta' 17 %. Il-finanzjament kopra għadd kbir ta' azzjonijiet, li jinkludu l-appoġġ għall-aċċess għaċ-ċentri tal-kura tas-saħħa primarja u l-immunizzazzjoni tal-popolazzjoni vulnerabbli f'pajjiżi bħal-Libanu, jew li permezz tagħhom is-sistemi tal-kura tas-saħħa jkunu aktar reattivi fil-Balkani tal-Punent, fejn għall-ewwel darba kien possibbli li jingħata appoġġ mill-UE għall-infrastruttura tal-kura tas-saħħa fil-livell bażiku u medju, pereżempju l-Isptar Pedjatriku l-ġdid f'Belgrad li huwa faċilità ewlenija u ta' kwalità għolja fil-Balkani tal-Punent. Iġġildna wkoll il-faqar multidimensjonali fiż-żoni rurali mhux privileġġati fl-Eġittu billi saħħajna l-kapaċitajiet tal-manifattura u l-aċċess għall-mediċini, inkluż il-vaċċini u teknoloġiji oħra tas-saħħa. Appoġġajna wkoll il-kwalità tal-kura tas-saħħa u l-aċċess għar-rifuġjati fit-Turkija, u pprovdajna wkoll appoġġ immedjat wara t-terremot għall-infrastruttura tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida poliċi tal-Kummissjoni?

Nappoġġja bis-sħiħ il-viżjoni tal-President elett stabbilita fil-Linji Gwida Poliċi: viżjoni għal Ewropa aktar b'saħħitha li twassal għal prosperità u kompetittività sostenibbli, li tiproteġi lin-nies u l-kwalità ta' ħajjtna, li tiddefendi d-demokrazija u li tiggarrantixxi l-ġustizzja soċjali.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali, beħsiebni nagħmel dak kollu li hu meħtieġ għat-tlestija tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, it-trawwim tar-reżiljenza, is-sigurtà, il-kwalità u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa biex niproteġu s-saħħa taċ-ċittadini tagħna mit-theddid għas-saħħa, u l-promozzjoni tas-saħħa preventiva u tal-istili ta' ħajja sani.

Ir-rabta bejn il-bnedmin, l-annimali, il-pjanti u l-ambjent se tidderieġi ħidmieti skont l-approċċ "Saħħa Waħda".

Se niffoka biex l-UE tkun il-mutur tal-innovazzjoni li tipprovi mediċini u trattamenti innovattivi u affordabbli liċ-ċittadini tagħha, u li tirrispetta l-istandards għoljin tagħna għas-sikurezza tal-ikel u l-benesseri tal-annimali. Se niżgura li l-Linji Gwida Poliċi tal-President elett jiġu implimentati kif xieraq fl-oqsma kollha tar-responsabbiltajiet assenjati lili.

L-attakki riċenti tal-programmi ta' riskatt kontra l-isptarijiet u s-sistemi tal-kura tas-saħħa mhumiex aċċettabbli. Se naħdem mal-partijiet ikkonċernati tas-saħħa diġitali biex nidentifikaw mezzi għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tat-theddid għaċ-ċibersigurtà u għar-rispons għalih. F'kollaborazzjoni mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija se nippreparaw pjan Ewropew dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa fl-ewwel 100 jum tal-mandat.

Konxju ħafna mill-ħtieġa li nżidu l-kompetittività tagħna, filwaqt li nibżaw fuq il-mudell soċjoekonomiku uniku tagħna. Għandna bżonn niffukaw fuq is-setturi strateġiċi ewlenin fejn l-Ewropa tista' toħloq vantaġġ kompetittiv bħall-bijoteknoloġija (u naħdmu fuq Att Ewropew ġdid dwar il-Bijoteknoloġija) u d-data dwar is-saħħa, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa. Se nsegwi t-tlestija tar-Riforma Farmaċewtika billi nappoġġa lill-koleġżlaturi fil-kisba tal-aħjar bilanċ bejn iż-żieda tant meħtieġa fl-innovazzjoni u l-

aċċessibbiltà, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini li ċ-ċittadini tagħna jistennew. Se nintensifika l-implimentazzjoni tal-qafas attwali rigward l-apparati mediċi u nivvaluta l-ħtieġa għal bidliet leġiżlattivi potenzjali.

Permezz ta' Att dwar il-Mediċini Kritiċi, se nindirizza r-riskji endemiċi tan-nuqqasijiet ta' mediċini u apparati mediċi kritiċi, u nnaqqas id-dipendenzi. Abbażi tal-esperjenzi miksuba waqt il-pandemija tal-COVID-19, se nkompli nsahha l-arkitettura tas-sigurtà tas-saħħa tagħna u niżgura li l-Ewropa tkun imħejjija u mgħammra sew biex tirreaġixxi għat-theddid futur għas-saħħa.

Kif fdat fl-ittra ta' missjoni tiegħi mill-President elett von der Leyen, se ntejjeb il-ħidma tagħna fir-rigward tas-saħħa preventiva biex niżguraw approċċ komprensiv għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja. L-investment fil-prevenzjoni effettiva jista' joffri l-għodda t-tajba biex jiġu ffaċċjati dawn l-isfidi, jitnaqqas il-piż tal-mard mhux komunikabbli, tiġi appoġġata l-lonġevità sana u jitħaffef il-piż fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

Bħala parti mill-ħidma ta' prevenzjoni tas-saħħa u kif imħabbar mill-President elett, se nipproponi reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk wara li titlesta l-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa. L-użu tal-prodotti tat-tabakk emerġenti għandu jkun punt ċentrali tar-reviżjoni tad-Direttiva.

Is-saħħa mentali tinsab fl-aġenda tal-Kummissjoni, u fl-2023 ġew ippreżentati 20 inizjattiva emblematika. Se nkompli nimplimenta dawn l-inizjattivi mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati. Se nagħti attenzjoni speċjali lis-saħħa mentali tat-tfal u ż-żgħażaġh. Se nikkollabora mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija kif ukoll ma' Membri oħra tal-Kulleġġ dwar inkjesta rigward l-impatti tal-midja soċjali fuq il-benesseri tat-tfal u taż-żgħażaġh.

Se nagħmel kull sforz biex nindirizza r-riskji enormi tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, billi nibbaża fuq ħidmietna mal-Istati Membri, u niżviluppaha aktar biex nilħqu l-miri għall-2030 permezz tal-approċċ "Saħħa waħda".

L-istandards tagħna għas-sikurezza tal-ikel u l-benesseri tal-annimali huma l-ogħla fid-dinja: Se nkompli nimmodernizza gradwalment il-leġiżlazzjoni tagħna abbażi tal-aħħar xjenza, nibbilanċja s-sostenibbiltà, l-etika u r-realtà ekonomika, filwaqt li nissalvagwardja l-kompetittività tal-bdiewa tagħna u l-aspettattivi taċ-ċittadini. Se naħdem mal-Istati Membri biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern u fil-livell internazzjonali skont ir-regoli kummerċjali.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, se niżgura li l-politiki tiegħi ma jeskludu lil ħadd, u b'hekk noħolqu l-kundizzjonijiet għal sistemi verament inklużivi tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali mfassla għall-ħtiġijiet tan-nies u tal-annimali.

Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek?

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija tabilħaqq valur fundamentali tal-UE minqux fit-Trattati. Fil-mandat attwali tiegħi kont impenjat bis-sħiħ biex insahha l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiġh tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fir-reġjuni tal-Viċinat u tat-Tkabbir, skont l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III. B'mod partikolari, l-għan kien li l-assistenza finanzjarja kollha taħt il-portafoll tiegħi, fis-setturi kollha, tintegra perspettiva tal-ġeneru u tappoġġa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

B'sodisfazzjon napprofitta mill-opportunità li nibqa' nservi taħt l-ewwel President mara tal-Kummissjoni Ewropea biex inkompli nagħmel progress fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u nintegra l-perspettiva tal-ġeneru fil-qasam tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali.

Barra minn hekk, għamilt ukoll sforzi sinifikanti u ksibt riżultati tanġibbli fit-tiġh tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, inkluż fis-servizzi taħt ir-responsabbiltà tiegħi, kif impenjajt ruħi fit-tweġiba bil-miktub preċedenti tiegħi lill-Parlament Ewropew lura fl-2019: fl-1 ta' Diċembru 2019, is-sehem ta' maniġers superjuri nisa fid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DG NEAR) kien ta' 33 % u fost il-maniġers intermedji kien 39 %, li jfisser li t-tnejn li huma kienu taħt il-medja tal-Kummissjoni Ewropea. Sal-2024, is-sitwazzjoni tjebet b'mod sinifikanti fejn il-perċentwal ta' maniġers superjuri nisa żdied għal 56 % u fost il-maniġers intermedji żdied għal 54 %, li jfisser li huma ogħla mill-medja tal-Kummissjoni Ewropea.

Abbażi ta' din l-esperjenza, beħsiebni nkompli nipromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri anki fil-ġejjieni, skont il-Linji Gwida Politiki għall-Kummissjoni Ewropea 2024–2029.

Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Matul dawn l-aħħar 5 snin żgurajt li l-appoġġ liż-żgħażaġh fl-isforzi tagħhom isir element trażversali tar-relazzjonijiet tagħna mal-pajjiżi sħab u meta nassistuhom.

Fil-qafas tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ għall-2022, ipparteċipajna fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ewwel qafas ta' politika li qatt sar għal sħubija strateġika maż-żgħażaġh fid-dinja kollha, bl-isem Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ (YAP, Youth Action Plan) fl-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea għall-2022–2027. F'dan il-kuntest, saħħajna l-programm "The Young Mediterranean Voices", billi appoġġajna l-kooperazzjoni bejn iż-żgħażaġh fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran fl-affarijiet pubbliċi u f'inizjattivi trasformattivi lokali u reġjonali; il-programm Erasmus+ li jappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet fil-qasam taż-żgħażaġh fil-Balkani tal-Punent u fin-Nofsinhar tal-Mediterran; il-programm EU4Youth, li jrawwem il-parteeipazzjoni u t-tmexxija taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika fis-Sħubija tal-Lvant, speċjalment fl-Ukrajna, u n-network ta' Ambaxxaturi Żgħażaġħ Ewropej fil-Balkani tal-Punent u s-Sħubija tal-Lvant u l-Ambaxxaturi ta' rieda tajba fil-Viċinat tan-Nofsinhar.

Fejn jidħlu s-saħħa, is-saħħa mentali u l-benesseri taż-żgħażaġh: qbilna li nsaħħu s-sistemi tas-saħħa (nindirizzaw l-inugwaljanzi u navvanzaw lejn kopertura tas-saħħa universali) u nappoġġaw servizzi tas-saħħa komprensivi, sikuri, inklużivi u adattati għat-tfal u għaż-żgħażaġh, inkluż is-servizzi għas-saħħa mentali u s-servizzi tas-saħħa online fil-pajjiżi sħab tagħna. Minbarra l-ħafna avvenimenti reġjonali, matul is-Sena taż-Żgħażaġħ ospitajna fi Brussell aktar minn 150 student li żaruna mit-tliet reġjuni biex niċċelebraw is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ.

Matul il-mandat tiegħi fis-snin 2021–2023, ġew impenjati aktar minn €966 miljun għall-azzjonijiet relatati maż-żgħażaġh, li jfisser żieda ta' aktar minn 60 % meta mqabbel mat-3 snin preċedenti (€594 miljun għall-2018–2020). Dawn jinkludu, pereżempju, it-titjib tal-infrastruttura tal-edukazzjoni fil-Montenegro, it-titjib fil-pożizzjoni taż-żgħażaġh mill-Kosovo bis-saħħa tal-programm "tagħlim permezz tal-esperjenza", iż-żieda fl-edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal u ż-żgħażaġh vulnerabbli fil-Ġordan u fil-Libanu, l-appoġġ tal-iskejjel ekoloġiċi u diġitalment adattati fit-Tuneżija, kif ukoll l-appoġġ lill-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh permezz tal-Programm "Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ" jew il-mekkaniżmu għall-Impjiegi u l-Intraprenditorija EU4Youth. Appoġġajna wkoll il-programmi għall-impjiegi taż-żgħażaġh fil-Bożnija-Herzegovina, u permezz tal-Programm "EU4Schools" diġà lestejna 57 faċilità edukattiva u tejjibna l-kundizzjonijiet tal-edukazzjoni ta' madwar 25,000 student, tifel u tifla, u għalliem(a) fl-Albanija wara t-terremot devastanti fl-2019. Fl-Ukrajna nappoġġaw ir-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni tal-edukazzjoni skolastika fl-Ukrajna kollha (€100 miljun).

Barra minn hekk, fit-tfassil tal-politiki tagħna, inqis ta' importanza kbira li jintalbu u jitqiesu b' mod attiv il-fehmiet taż-żgħażaġh mhux biss fl-UE iżda wkoll fil-pajjiżi sħab. Il-bieb tiegħi dejjem miftuħ għall-ġenerazzjoni żagħżuġha. Matul il-mandat tiegħi kelli l-opportunità niltaqa' ma' ħafna gruppi ta' żgħażaġh u studenti mir-reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat tal-UE, billi żort laboratorji taż-żgħażaġh, faċilitajiet tal-infrastruttura tal-IT, skejjel, sptarijiet eċċ jew billi ospitajthom fil-Berlaymont.

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Animali, se nkompli bl-istess approċċ biex niżgura li d-deċiżjonijiet li nieħdu jkunu dejjiema u jibqgħu validi fil-futur. L-ewwel nett, se norganizza l-ewwel Djaloga annwali ta' Politika maż-Żgħażaġħ fl-ewwel 100 jum skont l-ittra ta' missjoni tiegħi. Se niffoka wkoll fuq l-impatt tal-midja soċjali u l-ħin eċċessiv quddiem l-iskrin fuq il-persuni, b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażaġh u l-benesseri u s-saħħa mentali tagħhom, ukoll skont l-ittra ta' missjoni tiegħi. Għalija huwa ta' importanza assoluta li niffoka fuq il-parti preventiva tal-politika tas-saħħa għaż-żgħażaġh bħala investiment fit-tul għall-ġejjieni tagħhom.

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaq, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twetiq ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

L-obbligu tiegħi se jkun li nkompli nirrispetta l-ogħla standards etiċi u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikoli 245 u 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fil-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji.

Id-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi lesta u hi aċċessibbli għall-pubbliku, u se nemendaha jekk ikun hemm xi bidliet. Se nevita wkoll kwalunkwe sitwazzjoni fejn jinxeċet dell fuq l-imparzjalità u l-indipendenza tiegħi, u se ninforma lill-President tal-Kummissjoni bi kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interess.

Se nirrispetta l-obbligi ta' trasparenza dwar il-kwistjonijiet relatati mat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE kif stabbilit fil-Kodiċi ta' Kondotta, u se niltaq' biss mal-organizzazzjonijiet professjonali/mar-rappreżentanti interessati jew mal-individwi li jaħdmu għal rashom, irreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza.

Kif għamilt tul dawn l-aħħar 5 snin, se nkompli nippubblika l-informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ivjaġġar tiegħi u nipprovdi dettalji dwar l-għan u l-objettiv tagħhom permezz ta' ritratti/filmati jew dehriet fuq il-midja/midja soċjali.

Il-laqgħat kollha tiegħi se jibqgħu jiġu ppubblikati kif xieraq fis-siti tal-kalendarju uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea biex nappoġġa t-trasparenza diretta u l-iskrutinju tal-pubbliku. Id-diskorsi u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħi se jibqgħu jiġu ppubblikati fuq il-paġna ewlenija uffiċjali tiegħi dakinhar tal-preżentazzjoni tagħhom.

Se nosserva l-ogħla obbligi etiċi. Dan jinkludi l-aċċettazzjoni ta' rigali, ospitalità, dekorazzjonijiet, premjijiet u għotjiet. Jinkludi wkoll l-attivitajiet esterni matul il-mandat kif ukoll l-attivitajiet wara l-mandat. Se nuża bl-akbar attenzjoni r-riżorsi finanzjarji u riżorsi oħra tal-Kummissjoni.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lest tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Ir-rwol u l-kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-kumitati tiegħu

Kif kien il-każ f'dawn l-aħħar 5 snin, l-involviment mal-Parlament Ewropew hu ta' importanza kbira għalija. B'kollox irrappreżentajt lill-Kummissjoni fi 43 laqgħa plenarja. Bħala Kummissarju responsabbli għall-Viċinat u t-Tkabbir, haċt sehem f'31 laqgħa organizzati fil-livell tal-Kumitat. Dan kien jinkludi djalogi formali fil-qasam tal-istrumenti finanzjarji taħt il-portafoll tiegħi (sebgħa dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u sitta dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni). F'dan il-kuntest, qist ukoll importanti li l-proposti u r-rapporti ewlenin kollha (bħall-erba' pakketti annwali tat-tkabbir) jiġu ppreżentati minnufih lill-Parlament, dakinhar tal-adozzjoni tagħhom fil-Kumitat rilevanti, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin. Ħdimt mal-Parlament Ewropew u l-kumitati rilevanti tiegħu fl-istadji kollha tal-proċess tat-tfassil tal-politika kif ukoll tad-djalogu politiku.

Fil-ġejjieni beħsiebni nistabbilixxi relazzjoni ta' ħidma mill-qrib haċna u bbażata fuq il-fiduċja komuni u d-djalogu kostruttiv mal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-qasam tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali. Nemmen bis-sħiħ li dan huwa fundamentali biex niżguraw il-fiduċja taċ-ċittadini u s-sorveljanza tal-politiki u l-istituzzjonijiet tagħna, kif ukoll biex ngħinu fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni.

Hu essenzjali li titrawwem kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva biex is-sistema istituzzjonali tal-UE tkun tista' tiffunzjona u biex is-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE tkun effiċjenti u leġittima. Dan jiddependi fuq ċerti prinċipji gwida li impenjat bis-sħiħ li nsegwi u se niżgura li s-servizzi taħt ir-responsabbiltà tiegħi jsegwu l-istess approċċ. Dawn il-prinċipji jinkludu l-prinċipju tal-aċċess miftuħ, il-fiduċja reċiproka, l-effiċjenza, u l-iskambju regolari ta' informazzjoni. Il-Linji Gwida Politiċi tal-President elett von der Leyen jirriflettu bis-sħiħ dawn il-prinċipji, u jenfazzjaw l-intenzjoni li tissaħħaħ ir-relazzjoni speċjali li teżisti bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem biex jintlaħaq dan l-objettiv, u waqt li nwettag dan se nirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tal-2010 u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tal-2016.

Se nkun kompletament disponibbli, skont il-Linji Gwida Politiċi, biex nieħu sehem fil-laqgħat fil-Parlament Ewropew, bħad-dibattiti plenarji, il-laqgħat tal-kumitati, id-diskussjonijiet tat-trilogu kif ukoll il-laqgħat bilaterali mal-Membri tal-Parlament Ewropew. Se niżgura li l-Parlament Ewropew ikun infurmat bi kwalunkwe żvilupp ewlieni taħt ir-responsabbiltà tiegħi u konxju sew tal-importanza tat-trattament indaqs tal-Parlament u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għal-laqgħat u l-forniment ta' kontributi jew ta' informazzjoni oħra.

Trasparenza

Il-Linji Gwida Poliċi tal-President elett von der Leyen jenfasizzaw li biex terġa' tintrebaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni, l-istituzzjonijiet tagħna għandhom ikunu miftuħa u impekkabbli fi kwistjonijiet fejn tidħol it-trasparenza. Għal dan l-għan iċ-ċittadini jeħtieġ ikunu jafu l-pożizzjonijiet meħuda fil-proċess leġiżlattiv, inklużi dawk tal-Kummissjoni. It-tiżni tal-kooperazzjoni interistituzzjonali permezz tal-promozzjoni tal-leġittimità u tal-akkontabbiltà se jżid l-effiċjenza u l-governanza tajba tal-UE.

Għalhekk impenjat bis-sħiħ li nimplimenta d-dispożizzjonijiet b'firxa wiesgħa dwar it-trasparenza u l-fluss tal-informazzjoni fil-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Trasparenza u dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, se niżgura li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu rispettati fid-djalogi strutturati tiegħi u fil-kuntatti l-oħra tiegħi mal-komitati tal-Parlament.

Se nagħti seħmi b'mod attiv fl-isforzi tal-Kummissjoni biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar ir-rwol tagħha fl-istruttura istituzzjonali tal-UE. Barra minn hekk, il-proposti ta' politika taħt ir-responsabbiltà tiegħi se jkunu bbażati fuq konsultazzjonijiet xierqa mal-esperti u mal-pubbliku, skont il-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar.

Segwitu għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u għat-talbiet għal inizzjattivi leġiżlattivi

Il-President elett von der Leyen ħadet impenn ċar biex tagħti rwol aktar b'saħħtu lill-Parlament fit-tneġġja u t-tfassil tal-leġiżlazzjoni. Saħqet li l-Kummissjoni tagħha se ssegwi r-riżoluzzjonijiet Parlamentari adottati mill-maġġoranza tal-membri tagħha b'att leġiżlattiv, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet, skont id-dispożizzjonijiet attwali tat-Trattat.

Naqbel kompletament ma' dan l-oġettiv u se niżgura li l-Kummissjoni tagħxi kif xieraq fl-oqsma taħt il-kompetenza tiegħi. Bħala parti mill-impenn favur sħubija approfondita mal-Parlament Ewropew, se naħdem id f'id mal-Parlament dwar ir-riżoluzzjonijiet skont l-Artikolu 225 tat-TFUE. Nemmen bis-sħiħ li dan se jtejjeb id-djalogu kif ukoll irawwem il-fiduċja u s-sens ta' ħidma flimkien lejn għan komuni.

Se niżgura wkoll li l-mistoqsijiet mill-Membri tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi jitwieġbu malajr u b'mod preċiż. Se nkun fil-plenarja u l-Komitati tal-Parlament Ewropew kull meta nisfejjaħ biex inwieġbu xi mistoqsija jew biex nipprovdi xi tweġiba partikolari.

Għoti ta' informazzjoni u dokumenti

Kompletament konxju li l-għoti ta' informazzjoni u dokumenti huwa aspekk essenzjali biex tissaħħaħ is-sħubija bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Għalhekk, nimpenna ruħi li nimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, u tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. It-Trattat ta' Liżbona jstabilixxi l-ugwaljanza tal-Parlament u tal-Kunsill bħala koleġiżlaturi, u se niżgura li dan jiġi rispettatt mil-lat ta' kif l-informazzjoni tinxtered fl-oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Mistoqsijiet mill-Komitati għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

3. *Kif se taħdem fuq it-tiżni tar-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa, filwaqt li tiżgura aċċess għall-kura u għall-prodotti mediċi kif ukoll l-affordabbiltà tagħhom fl-UE u l-istimulazzjoni tar-riċerka u l-kompetittività tal-UE fis-settur farmaċewtiku? Minkejja l-isforzi, l-UE tibqa' diviża f'termini tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u tad-disponibbiltà tal-mediċini, u dan jaffettwa kemm il-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti fl-UE kif ukoll il-possibbiltà li l-mard jiġi kkurat. Inti bħala Kummissarju għas-Saħħa, f'kooperazzjoni flimkien mal-Istati Membri tal-UE, kif se tnaqqas dawn l-inugwaljanzi tas-saħħa, tiġġieled kontra n-nuqqasijiet tal-prodotti mediċinali, tindirizza n-nuqqas ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa u tiżgura li l-Ewropej kollha jirċievu l-aqwa trattamenti irrispettivament minn fejn ikunu joqogħdu fl-Unjoni? Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kura transfruntiera taraha bħala soluzzjoni? X'tista' tgħid diġà rigward l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi f'dan il-kuntest? L-Att, kif se jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet tas-saħħa, inaqas id-dipendenza fuq pajjiżi terzi għall-importazzjonijiet ta' mediċini u ingredjenti kritiċi u jindirizza ħtiġijiet kritiċi fil-kura tas-saħħa, filwaqt li jtejjeb ukoll l-aċċess u l-affordabbiltà? Kif se tiżgura li l-UE trawwem ir-riċerka u l-iżvilupp ta' mediċini jew trattamenti ġodda, b'mod partikolari għal mard rari, u żżid il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-awtonomija strateġika tagħha, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għall-pazjenti? Kif taraha r-rabta mal-Att Ewropew dwar il-Bijoteknoloġija? Kif tara r-rwol tal-EU4Health f'dan il-kuntest, speċjalment meta tqis it-tnaqqis reċenti propost għall-baġit?*

Matul dawn l-aħħar snin, ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa fl-UE ġiet ittestjata minn firxa dejjem akbar ta' sfidi. Dawn urew li s-sistemi tas-saħħa jeħtieġu jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jipprevedu xokkijiet u bidliet strutturali u jadattaw għalihom. Jekk jonqsu l-vulnerabbiltajiet tas-sistemi tas-saħħa, dawn se jkunu jistgħu jkomplu jipprovdu kura tas-saħħa tal-ogħla kwalità għaċ-ċittadini tal-UE u se jgħinu wkoll lill-Istati Membri jiżguraw is-sostenibbiltà tagħhom, filwaqt li jiġġeneraw aħjar fil-qasam tas-saħħa. Il-politika tas-saħħa żviluppat ukoll dimensjoni Ewropea ħafna aktar b'saħħitha. Is-Semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, kif ukoll il-ħidma tal-OECD u l-Osservatorju Ewropew dwar is-Sistemi u l-Politiki tas-Saħħa dwar l-Istat tas-Saħħa fl-UE, huma riżorsi siewja biex jappoġġaw din il-ħidma. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nkompli din il-ħidma dwar it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa fil-limiti tal-kompetenzi tal-UE.

Minħabba d-dipendenza tas-sistemi tas-saħħa tagħna fuq it-teknoloġija diġitali, wieħed mill-aspetti ewlenin tar-reżiljenza huwa ċ-ċibersigurtà tagħhom: jekk niġi kkonfermat, waħda mill-ewwel azzjonijiet li nieħu tkun li nwettaq il-pjan ta' azzjoni dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa stabbilit fil-Linji Gwida Poliċi, filwaqt li naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija.

L-aċċess għal prodotti mediċi effettivi, ta' kwalità għolja u sikuri huwa essenzjali għal sistemi tal-kura tas-saħħa li jiffunzjonaw tajjeb. Neħtieġu qafas regolatorju adattat għar-ritmu mgħaġġel tal-bidla teknoloġika fis-settur tal-kura tas-saħħa. Dan huwa l-għan tar-riforma tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-UE proposta f'April 2023. Dan se jstabbilixxi qafas regolatorju modern, simplifikat u ta' appoġġ li jagħmel l-investment fir-riċerka u fl-iżvilupp ta' mediċini innovattivi fl-UE aktar attraenti għall-kumpaniji, inkluż inċentivi speċifiċi għal mediċini għal mard rari. Inqis li din ir-riforma hija pedament għall-futur u jekk niġi kkonfermat, se nagħmel dak kollu li nista' biex nappoġġa lill-koleġiżlaturi ħalli jikkonkludu din ir-riforma.

Kif enfażizza l-Parlament Ewropew innifsu, il-mediċini innovattivi awtorizzati fl-UE mhumiex qed jaslu għand il-pazjenti malajr biżżejjed u mhumiex aċċessibbli bl-istess mod. Il-pazjenti f'xi Stati Membri tal-Punent u Stati Membri akbar għandhom aċċess għal 90 % tal-mediċini approvati ġodda, filwaqt li f'xi Stati Membri tal-Ewropa tan-Nofsinhar u Ċentrali u fi Stati Membri iżgħar, jista' jkollhom aċċess għal inqas minn 20 %. Ir-riforma proposta tippromwovi aċċess aktar rapidu għall-pazjenti fl-Istati Membri kollha u d-dħul aktar bikri fis-suq ta' mediċini ġeneriċi u bijosimili. Minbarra li nappoġġa l-aċċess għall-mediċini, u naturalment skont l-eżitu tan-negożjati dwar ir-riforma farmaċewtika, se nesplora wkoll aktar azzjonijiet mhux leġiżlattivi li jistgħu jikkomplementaw ir-riforma. Se nkompli nappoġġa l-kooperazzjoni volontarja fost l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kosteffettività u l-affordabbiltà tal-mediċini.

In-nuqqas ta' forza tax-xogħol fis-settur tas-saħħa hija sfida partikolari fl-Istati Membri kollha u taffettwa ħafna partijiet tal-professjoni. Id-distribuzzjoni mhux uniformi tal-professjonisti tas-saħħa hija sfida għal mill-inqas nofs l-Istati Membri u tirriżulta fl-hekk imsejħin "deżerti mediċi". Din il-problema se taggrava biss biż-żieda mistennija fid-domanda għall-kura tas-saħħa. Jekk niġi kkonfermat, se nappoġġa wkoll il-ħidma tal-Viċi President Eżekuttiv futur għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza u se nġin biex jissejjes qafas koerenti ħalli jiġu indirizzati l-isfidi tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura fit-tul.

In-nuqqas ta' mediċini wkoll hija problema li ilha teżisti fl-UE u qed tħalli impatt serju fuq il-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti madwar l-Ewropa. F'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni estendiet il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA, European Medicines Agency) għall-ġestjoni koordinata u kollaborattiva ta' nuqqasijiet kritiċi fil-livell tal-UE fi żminijiet ta' kriżi. Hemm ukoll miżuri regolatorji b'saħħithom fir-riforma farmaċewtika li jfittxu li jipprevjenu u jimmitigaw in-nuqqasijiet, u li jsaħħu l-ktajjen tal-provvista. Hemm fis-seħħ miżuri mhux leġiżlattivi addizzjonali, u l-Alleanza l-ġdida tal-Mediċini Kritiċi turi li hija forum siewi biex jiġi esplorat il-progress.

Jekk niġi kkonfermat, se naħdem biex nikkomplementa l-miżuri proposti fir-riforma farmaċewtika bi proposta għall-Att dwar il-Mediċini Kritiċi. L-att se jkun qed joffri approċċ ikkoordinat biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet serji tal-mediċini kritiċi. L-għan tiegħu se jkun li jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tagħna u jiddiversifikahom, u jnaqqas id-dipendenzi minn pajjiżi mhux tal-UE għal mediċini kritiċi u l-ingredjenti tagħhom, filwaqt li jgħin biex il-prezz tal-mediċini jibqa' affordabbli. Se nkun qed niżgura li l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tesplora l-għażliet potenzjali kollha ta' politika. L-għażliet li jistgħu jiġu kkunsidrati jinkludu miżuri ta' akkwist biex jgħinu lid-domanda ssir aktar prevedibbli, miżuri biex tinżamm u tissaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura tal-Ewropa, filwaqt li jiġu żviluppati sħubijiet strateġiċi biex jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista.

Biex intejbu l-kompetittività globali tagħna, għandna naħdmu aktar biex inżommu l-innovazzjoni fil-qalba tal-ekonomija tagħna, mhux biss bħala xprunaturi ta' skoperti mediċi ġodda, iżda wkoll biex nattiraw it-talent u l-

investiment globali lejn is-settur tas-saħħa tal-UE. Il-bijoteknoloġija, l-intelliġenza artifiċjali u d-*data* mill-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa (EHDS, European Health Data Space) huma ta' importanza strateġika għall-kompetittività fit-tul tal-UE. Dawn jistgħu jgħinu fl-iżvilupp ta' terapiji ġodda, ta' proċessi tal-manifattura u ta' prodotti innovattivi, anke għal mard rari, billi d-*data* dwar is-saħħa issir disponibbli għar-riċerka b'mod sigur, minbarra li l-pazjenti jkunu jistgħu jikkondividu d-*data* tagħhom mal-fornituri tal-kura tas-saħħa u jevitaw testijiet mhux meħtieġa.

Jekk niġi kkonfermat, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tiegħi se tkun li nressaq Att dwar il-Bijoteknoloġija li jerġa' jqiegħed fuq quddiem lis-settur tal-bijoteknoloġija tal-UE u jappoġġa lis-settur meta meħtieġ. Bħala parti minn Strateġija usa' għax-Xjenzi tal-Ħajja Ewropej, l-Att se jkun maħsub biex irendi l-ambjent regolatorju tal-UE aktar sempliċi u aktar favorevoli għall-innovazzjoni, jattira lill-innovaturi u lill-investituri biex iwettqu riċerka u biex il-bijoteknoloġiji jinġiebu b'mod aktar faċli mil-laboratorju għall-fabbrika u jitqiegħdu fis-suq, f'konformità mal-ħidma stabbilita fil-Linji Gwida Poliċi dwar il-promozzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu. Fl-istess ħin, hemm ukoll bżonn li nagħtu spinta lill-ħiliet tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-bijoteknoloġija tax-xjenzati, tal-intraprendituri u tal-forza tax-xogħol tagħna.

Id-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali hija kisba kbira għall-aċċess taċ-ċittadini tal-UE għat-trattament mediku. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħha teżiġi attenzjoni kontinwa. L-evalwazzjoni tal-2022 ikkonfermat li d-Direttiva żżid il-valur għaċ-ċittadini tal-UE, għalkemm huwa minnu wkoll li l-biċċa l-kbira tal-kura tas-saħħa transkonfinali għadha ġestita b'mod effettiv permezz tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Wieħed mis-suċċessi importanti tad-Direttiva huwa li wħud mill-elementi ewlenin tagħha (bħan-Networks ta' Referenza Ewropej tas-Saħħa elettronika għall-mard rari u l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa) irriżultaw f'inizjattivi u leġiżlazzjoni ddedikati. L-evalwazzjoni li jmiss se titwettaq fl-2027, u se jkollna bżonn inħarsu bir-reqqa lejn l-implimentazzjoni tagħha fil-prattika u jekk din tistax tittejjeb.

Il-Programm EU4Health kien ta' kontribut għall-inizjattivi tas-saħħa fl-UE f'ċirkostanzi diffiċli ħafna. Se naħdem mill-qrib mal-Istati Membri ħalli l-programm jintuża biex jitravwem aċċess u eżiti aktar ekwi għall-kura tas-saħħa madwar l-Unjoni. Jekk niġi kkonfermat, inkompli nisfrutta s-šhubijiet u s-soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi biex inkompli nixpruna t-titjib fis-sistemi tas-saħħa, fil-kapaċitajiet ta' riċerka u fis-saħħa diġitali. Bħalissa, f'termini ta' appoġġ finanzjarju u investiment pubbliku, l-ewwel prijorità għandha tkun li jiġi żgurat l-użu tar-riżorsi disponibbli permezz tan-NextGenerationEU u l-baġit attwali. Jekk inħarsu 'l quddiem, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss huwa opportunità biex l-infiq tagħna jsir aktar iffukat, aktar sempliċi u jkollu aktar impatt.

Irridu nkomplu nsaħħu l-prevenzjoni, ir-reżiljenza u l-kompetittività tagħna permezz tal-politiki tas-saħħa tagħna u l-investiment iffukat. L-Ewropa teħtieġ settur farmaċewtiku b'saħħtu, kompetittiv u innovattiv kif ukoll li tagħmel l-aħjar użu mir-rivoluzzjoni tal-bijoteknoloġija. Il-linji Gwida Poliċi għamluha ċara li jeħtieġ li ninvestu fl-innovazzjoni u fit-teknoloġiji li se jswaw l-ekonomija tagħna u jixprunaw it-tranżizzjonijiet tagħna: din għandha tkun il-prijorità tagħna.

4. X'inhuma l-pjanijiet konkreti tiegħek biex tiġġieled kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi fil-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, f'konformità mal-approċċ "saħħa waħda", fir-rigward tas-saħħa ambjentali, tal-bniedem u tal-annimali? B'mod partikolari, x'miżuri addizzjonali tipprevedi minbarra dawk diġà proposti fir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika, kemm fl-oqsma tal-bniedem kif ukoll f'dawk veterinarji? Kif tippjana li tindirizza n-nuqqasijiet u tiżgura aċċess għall-antimikrobiċi u għall-ġħodod dijanjostiċi, filwaqt li tiżgura użu prudenti u politika ta' użu tajjeb? Se tippreżenta aġġornament tal-lista ta' antibijotiċi riżervati għal użu uman? Peress li r-riċerka u l-innovazzjoni huma komponent kruċjali tal-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, kif tippjana li tinċentiva r-riċerka u l-innovazzjoni kemm pubbliċi kif ukoll privati f'dan il-qasam? Tipprevedi tqis kontromiżuri mediċi li għadhom ma ġewx sfruttati bħall-batterjofagi?

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR, Antimicrobial resistance) hija theddida globali serja għas-saħħa. Ma nistgħux ninjoraw l-istimi tan-NU li mingħajr azzjoni serja, sal-2050, kull sena jistgħu jiġu rreġistrati mal-10 miljun mewta fil-livell globali u 390,000 fl-Ewropa biss. Ma' dan trid tingħadd l-ispiża ekonomika, li tammonta għal madwar €11.7 biljun kull sena għall-Ewropa, minħabba żieda fl-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u telf fil-produttività.

Għalhekk huwa kruċjali li jiżiedu l-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-AMR. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-sena l-oħra dwar it-tiżhij tal-azzjonijiet tal-UE biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'approċċ "Saħħa Waħda" kienet pass importanti, b'mod partikolari f'termini ta' miri rakkomandati konkreti u li jistgħu jitkejlu li għandhom jintlaħqu sal-2030. Hija tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar is-sorveljanza, il-prevenzjoni u

I-kontroll tal-infezzjonijiet, l-użu tajjeb u prudenti tal-antimikrobiċi u s-sensibilizzazzjoni. Il-Kummissjoni tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

It-traċċar tal-progress jista' jkun tema importanti għall-ħidma fuq l-implimentazzjoni f'dan il-qasam, b'monitoraġġ annwali tal-progress li jkun sar biex jintlaħqu dawn il-miri. Fl-2027, il-Kummissjoni se tiddeċiedi dwar il-passi li jmiss, abbażi tar-rapport ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ipplanat għall-istess sena.

Beħsiebna wkoll niżviluppaw linji gwida ġodda dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet biex nappoġġaw interventi fl-Istati Membri, speċjalment għall-isptarijiet, li jgħorru wħud mill-akbar piżijiet tal-AMR. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard jista' jservi ta' appoġġ kbir hawnhekk.

Għall-mediċini veterinarji, l-Istati Membri jirrapportaw *data* dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi kull sena. Minn dan nistgħu naraw li diġà nkiseb aktar minn nofs it-tnaqqis mistenni fil-bejgħ tal-antimikrobiċi għall-annimali stabbilit fl-Istrateġija tagħna "Mill-Għalqa sal-Platt". Ladarba x-xejriet fil-bejgħ u fl-użu jsiru viżibbli maż-żmien, se nkunu nistgħu nivvalutaw il-ħtieġa għal miżuri mmirati addizzjonali.

Jekk niġi kkonfermat, l-enfasi tiegħi se tkun, anke f'dan il-qasam, fuq l-applikazzjoni u l-infurzar fl-Istati Membri kollha, inkluż permezz ta' awditi, tal-obbligi relatati mal-AMR u l-mediċina veterinarja (inklużi dawk li jirriżultaw mir-Regolament dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji u r-Regolament dwar l-Għalf Medikat). . Dan japplika wkoll għal pajjiżi mhux tal-UE li jixtiequ jespertaw annimali u prodotti tal-annimali lejn l-Unjoni u li huma obbligati jirrispettaw ir-regoli tagħna li ma jużawx antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew antimikrobiċi riżervati biex jiġu trattati l-infezzjonijiet tal-bniedem fl-UE. L-informazzjoni l-ġdida fir-rigward ta' reviżjoni potenzjali tal-lista ta' antimikrobiċi riżervati għall-bnedmin, kif definit fir-Regolament dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji, għandha tiġi segwita minnufih.

Ilkoll naqblu li l-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda huwa urġenti. Madankollu, it-trażżin fl-użu tal-antimikrobiċi għandu impatt fuq il-volum tal-bejgħ u għaldaqstant anke fuq ir-redditu fuq l-investment għad-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. Din hija raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' investment f'dan il-qasam u għaliex hemm bżonn inċentivi addizzjonali biex jiġu żviluppanti antimikrobiċi innovattivi u jiġi żgurati l-aċċess għall-antimikrobiċi.

Biex jingħeleb dan il-falliment tas-suq, ir-riforma farmaċewtika proposta inkludiet vawċer innovattiv għall-esklużività tad-*data* biex jinħoloq inċentiv speċjali ħalli jiġu żviluppanti antimikrobiċi rivoluzzjonarji ġodda effettivi kontra l-AMR. Inkludiet ukoll miżuri biex jitrawwem l-użu prudenti tal-antimikrobiċi, tiġi mmonitorjata r-reżistenza għalihom u jiġu evitati n-nuqqasijiet u biex tissaħħaħ l-evalwazzjoni tal-impatt potenzjali tal-mediċini fuq l-ambjent. Għalhekk nilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-Parlament għamel enfasi partikolari fuq il-miżuri b'rabta mal-AMR fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, u jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nagħmel l-almu tiegħi biex nappoġġa lill-Parlament u lill-Kunsill fin-negożjati biex niżgura eżitu ta' suċċess, b'mod partikolari dwar din il-problema kritika.

Filwaqt li tikkomplementa l-miżuri stabbiliti fir-riforma farmaċewtika proposta, il-proposta pplanata ta' Att dwar il-Mediċini Kritiċi stabbilita fil-Linji Gwida Poliċi se jkollha impatt importanti fuq il-provvista tal-antimikrobiċi. Ħafna antimikrobiċi jitqiesu bħala mediċini kritiċi, u għalhekk jibbenefikaw minn azzjonijiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' mediċini kritiċi, inkluż billi jirrimedjaw il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista li jikkontribwixxu għal dawn in-nuqqasijiet.

Fil-livell globali, jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se naħdem mal-Istati Membri u mas-sħab tagħna biex nimplimentaw id-Dikjarazzjoni Politika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-AMR li għet adottata dan l-aħħar. Din id-dikjarazzjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jitrawwem l-approċċ "Saħħa Waħda", tistabbilixxi objettivi konkreti u tistieden lill-Kwadripartitiku jstabbilixxi "panel indipendenti għal evidenza għal azzjoni kontra l-AMR" fl-2025 biex jiggwida lill-Istati Membri tan-NU fl-azzjonijiet nazzjonali tagħhom.

Nirakkomanda wkoll li jiżded l-għadd ta' kontributuri għall-Fond Fiduċjarju Multidonatur tal-AMR, li huwa sors kruċjali ta' finanzjament iddedikat għall-AMR. Dan il-fond jaqdi rwol essenzjali fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju.

Biex nikkonkludi, jekk niġi kkonfermat, se nimpenja ruħi li nsaħħaħ l-isforzi tagħna biex inrażżnu l-AMR fil-livelli kollha u fis-setturi rilevanti kollha bl-approċċ "Saħħa Waħda". Se naħdem magħkom, mal-Membri tal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill, mal-partijiet ikkonċernati, u mas-sħab internazzjonali tagħna biex nilħqu dan l-għan.

5. *X'inhuma l-proposti tiegħek biex ittejjeb l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel lill-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontenut ta' nutrijenti (għal għażliet aktar favur is-saħħa, mingħajr simplifikazzjoni żejda), l-aspetti tas-sostenibbiltà (l-impronta tas-CO2) u t-tikkettar b'rabta mal-benesseri tal-annimali (AWL), filwaqt li tevita piż amministrattiv u tiżgura ikel sikur u affordabbli? Timpenja ruġek li tippreżenta l-miżura mħabbra fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt fl-2020 rigward l-introduzzjoni fl-UE kollha ta' skema ta' tikkettar fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett? B'mod simili, tippjana tippreżenta l-proposta leġiżlattiva mdewma dwar sistemi tal-ikel sostenibbli, li tħabbret ukoll bħala parti mill-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt? X'inhuma l-viżjoni tiegħek dwar din l-inizjattiva? Fir-rigward tal-użu tal-pestiċidi, x'inhuma l-proposti tiegħek biex tappoġġja lill-bdiewa biex inaqqsu l-użi u r-riskji tal-pestiċidi kimiċi, u kif se taċċelera d-disponibbiltà ta' alternattivi, bħal prodotti ta' bijokontroll jew sustanzi b'riskju baxx? Fl-aħħar nett, x'inhuma l-pjanijiet konkreti tiegħek biex iżżid l-kontrolli tas-sikurezza tal-ikel fuq il-prodotti importati?*

L-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel, inkluż il-kontenut tan-nutrijenti, u t-tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq il-parti ta' quddiem tal-pakkett jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet tal-ikel aktar tajbin għas-saħħa. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fuq approċċ komprensiv li jippromwovi għażliet ta' ikel aktar tajbin għas-saħħa, filwaqt li nindirizza kwistjonijiet li jinkludu l-informazzjoni dwar l-ikel, ir-riformulazzjoni tal-ikel u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel mhux tajjeb għas-saħħa. Dan għandu rabta mal-approċċ trażversali għall-prevenzjoni tul il-ħajja, li se nkun qed naħdem fuqu, filwaqt li nibni fuq azzjonijiet eżistenti dwar il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Peress li l-kampanji ta' informazzjoni nazzjonali jistgħu jappellaw aktar għall-konsumaturi, se nappoġġja l-isforzi nazzjonali biex titjeb is-sensibilizzazzjoni rigward l-informazzjoni dwar l-ikel.

Għandha tissokta l-ħidma fuq it-tikkettar tal-ikel billi tingħata attenzjoni partikolari lill-minimizzazzjoni ta' kwalunkwe piż relatat u s-sejba ta' soluzzjonijiet bilanċjati u prammatiċi li jiffaċilitaw il-funzjonament tas-suq intern. Fir-rigward tat-tikkettar tal-benesseri tal-annimali, se nkun qed niffoka fuq il-ġbir ta' evidenza robusta, b'mod partikolari fuq l-impatt li l-iskema volontarja ta' tikkettar tal-benesseri tal-annimali tħalli fuq il-bdiewa, fuq l-operaturi tan-negozji tal-ikel, fuq l-imġiba tal-konsumatur u fuq is-suq intern.

Il-President elett von der Leyen ħabbet fil-Linji Gwida Politiċi li l-Kummissjoni l-ġdida se tippreżenta Viżjoni għall-Agricoltura u l-Ikel fl-ewwel 100 jum tagħha. Din se tiffoka fuq kif jistgħu jiġu żgurati l-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tas-settur tal-biedja u tal-ikel tal-UE fil-limiti tal-pjaneta tagħna. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ biex ngħinu fl-iżvilupp tal-Viżjoni b'mod li jiżgura sistema tal-ikel tal-UE reżiljenti, kompetittiva u sostenibbli, bis-sikurezza tal-ikel bħala wieħed mill-pedamenti tagħha. Il-Viżjoni se tissejjes fuq ir-rapport tad-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-agricoltura fl-UE, fejn il-partijiet ikkonċernati kollha rrikonoxxew li approċċ ibbażat fuq is-sistemi u s-sostenibbiltà jibqgħu elementi kruċjali. It-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli teħtieġ diversi għodod ta' politika, inkluż l-investiment, l-inċentivi u r-regolamentazzjoni, li kollha jikkontribwixxu għal qafas ta' politika abilitanti li jipprovdni ċarezza lill-partijiet ikkonċernati kollha. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel biex niżviluppa sistema ġdida ta' valutazzjoni komparattiva għas-sistemi tal-agricoltura u tal-ikel, maħsuba biex jiġu armonizzati l-metodoloġiji inkluż għas-sostenibbiltà fl-azjendi agricoli.

Se nkompli naħdem ukoll biex innaqqsu r-riskji tal-użu tal-pestiċidi u nippromwovu alternattivi mhux kimiċi, li huma l-oġġettivi ewlenin tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi. Jekk niġi kkonfermat, se nesplora l-modi ta' kif nistgħu ntejbu aktar l-implimentazzjoni tad-Direttiva jew nivvalutaw inizjattivi leġiżlattivi ġodda, bi djalogu mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra, u abbażi tar-rakkomandazzjoni tad-Djalogu Strateġiku li l-Kummissjoni Ewropea tippermetti qafas leġiżlattiv robust għall-prodotti u l-approċċi tal-bijokontroll.

L-innovazzjoni teknika permezz ta' għodod diġitali u tekniki ta' applikazzjoni ta' preċiżjoni għandha wkoll potenzjal sinifikanti biex tnaqqas ir-riskji li joriġinaw mill-użu tal-pestiċidi, billi tnaqqas il-kwantità ta' pestiċidi meħtieġa għall-protezzjoni tal-għelejjel. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem biex dawn it-teknoloġiji jiġu integrati fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju sabiex jiġu kkunsidrati bis-sħiħ qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjonijiet tal-pestiċidi. Flimkien mat-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-immodernizzar tat-tagħmir użat biex jiġu applikati l-pestiċidi, dan se jippermetti lill-bdiewa jiksbu "aktar b'inqas". Beħsiebni naħdem mal-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel biex nappoġġja lill-bdiewa f'din il-bidla lejn tekniki diġitali u ta' preċiżjoni.

Nimpenja ruġi li nżid id-disponibbiltà ta' alternattivi għall-pestiċidi kimiċi, bħall-bijopestiċidi, billi nrawwem l-aċċess tagħhom għas-suq. Matul l-aħħar mandat, il-Kummissjoni ssimplifikat ir-reqwiziti tad-data u l-metodi ta' valutazzjoni għall-pestiċidi bbażati fuq il-mikroorganiżmi u żviluppaw gwida speċifika għal bijopestiċidi oħra bħall-estratti tal-pjanti u l-feromoni. Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nieħu passi addizzjonali sabiex l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-bijopestiċidi jiġu evalwati bi prijorità għolja u biex dawn il-pestiċidi

jkollhom aċċess aktar rapidu għas-suq ħalli jespandu s-sett ta' għodod li l-bdiewa jużaw biex jipproteġu l-għelejjel tagħhom. Dan se jappoġġa l-innovazzjoni, jipprovdi għall-ħtiġijiet li qed jevolvu biex jitħarsu l-pjanti u jindirizza l-problemi fitosanitarij emerġenti.

L-UE, bħala waħda mill-akbar importaturi globali tal-ikel, għandha waħda mill-aktar sistemi stretti u rigorużi ta' kontroll tas-sikurezza tal-ikel fid-dinja. Huwa bla dubju importanti ħafna għaċ-ċittadini tagħna li dawn ir-regoli jiġu implimentati kif suppost. Wieħed mill-prinċipji ewlenin ta' din is-sistema huwa li l-ikel introdott fis-suq tal-UE għandu jkun sikur kemm jekk ikun oriġina mill-UE kif ukoll barra minnha. Dan ifisser li jekk pajjiżi mhux tal-UE jew l-istabbilimenti tagħhom li jipproduċu ikel li joriġina mill-annimali jkunu jridu jesportaw lejn l-UE, il-prodotti jridu juru konformità mar-regoli tagħna, u nagħtu aċċess għas-suq tal-UE biss meta l-pajjiżi terz u l-istabbiliment ikunu elenkati għall-prodott rispettiv. Dan huwa appoġġat mill-awditi li l-Kummissjoni twettaq f'pajjiżi mhux tal-UE biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti tal-UE. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' mbagħad tiegħu azzjoni ta' emerġenza biex tipprevjeni l-importazzjoni ta' oġġetti tal-ikel li ma jkunux sikuri.

Biex il-kontrolli tas-sikurezza tal-ikel għall-importazzjonijiet jiġu mmirati b'mod aħjar, jeħtieġ sforz kostanti li jinvolvi l-analiżi tad-*data* mill-Istati Membri u l-kunsiderazzjoni tal-evidenza xjentifika fir-rigward tar-riskji possibbli, id-*data* statistika dwar il-kummerċ, u l-evidenza dwar is-sistemi ta' kontroll tal-pajjiżi esportaturi mhux tal-UE, li wħud minn dawn jinkisbu mill-awditi tal-Kummissjoni. Abbażi ta' dan, il-kontrolli jingħataw prijorità kontinwa abbażi tan-natura tar-riskji u tal-esponiment potenzjali għal dawn ir-riskji tal-konsumaturi u tan-negozji fl-UE.

L-Istati Membri jeħtieġ ikollhom l-għodod meħtieġa biex iwettqu l-kontrolli b'mod effiċjenti u kkoordinat. It-titjib fl-għażliet għall-analiżi u għat-traċċabbiltà tad-*data*, bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali, jista' jikkontribwixxi għad-detezzjoni aktar faċli u aktar rapida tal-anomaliġi u għat-trattament aħjar ta' kwalunkwe inċident bl-għajjn tas-sistemi tal-IT eżistenti mmaniġġjati mill-Kummissjoni. Elementi importanti oħra huma l-laboratorji ta' referenza u ċ-ċentri ta' referenza tal-UE ffinanzjati mill-Kummissjoni, ir-rieżami tar-riżorsi ta' kontroll fl-Istati Membri mill-awditi tal-Kummissjoni u t-taħriġ għall-uffiċjali nazzjonali li jimplementaw il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-katina alimentari. Jekk niġi kkonfermat, se nkompli naħdem biex inżid l-effiċjenza ta' dawn l-għodod, filwaqt li ntejjeb il-garanziji għall-konsumaturi tal-UE li l-ikel importat ikun kollu sikur.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

6. Il-benesseri tal-annimali qed jitqies dejjem aktar bħala prijorità għaċ-ċittadini. Bħala Kummissarju nnominat, kif tirreaġixxi għad-domanda dejjem akbar għal standards ogħla tal-benesseri tal-annimali filwaqt li tindirizza s-sostenibbiltà, il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u l-pożizzjonijiet tal-bdiewa? Kif biħsiebek timmodernizza r-regolamenti eżistenti dwar il-benesseri tal-annimali? Liema elementi ġodda tixtieq tivvaluta u tindirizza? Liema proposti leġiżlattivi dwar il-benesseri tal-annimali qed tippjana li tagħmel? Barra minn hekk, kif biħsiebek teżamina u tindirizza l-livelli varji ta' konformità u infurzar tal-leġiżlazzjoni attwali fl-Istati Membri tal-UE u tiżgura li l-proposti regolatorji ġodda kif ukoll l-infurzar imtejjeb jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u ma jikkompromettux il-kompetittività tal-bdiewa tal-UE?

Kif stabbilejt fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi, jekk niġi kkonfermat, se nimmodernizza r-regoli dwar l-istandards tal-benesseri tal-annimali filwaqt li nibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tagħna. Se nagħmel dan skont l-aħħar xjenza, filwaqt li nqis is-sostenibbiltà, il-kunsiderazzjonijiet etiċi, xjentifiċi u ekonomiċi, kif ukoll it-tfassil dwar il-kompetittività tal-bdiewa Ewropej u l-aspettattivi taċ-ċittadini. Nemmen bis-sħiħ li l-kompetittività tal-biedja tal-UE jeħtieġ li tinżamm. Il-leġiżlazzjoni futura tagħna trid tirrifletti dan l-oġġettiv.

L-approċċ għall-benesseri tal-annimali fl-azjendi agrikoli jrid ikun ibbilanċjat, iqis il-kriterji soċjoekonomiċi u l-kompetittività u jkun ibbażat fuq evidenza robusta. Bħala segwitu għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "End the Cage Age" (Intemmu l-Era tal-Gaġeġ), it-tneħħija gradwali tal-gaġeġ tal-annimali b'perjodi ta' tranżizzjoni xierqa speċifiċi għall-ispeċijiet se tirrikjedi approċċ leġiżlattiv immirat u miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati biex jagħmlu din it-tranżizzjoni sostenibbli u ekonomikament vijabbli, filwaqt li jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-bdiewa tal-Ewropa.

Biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi, huwa importanti li jiġi żgurat li l-istandards tal-UE tal-benesseri tal-annimali jiġu implimentati u infurzati b'mod konsistenti madwar l-Unjoni Ewropea u li nżidu l-azzjoni tagħna globalment. Għal dan l-għan, jekk niġi kkonfermat se nibbaża fuq il-ħidma li għaddeja bħalissa; l-awditi tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali tal-Istati Membri u tal-pajjiżi mhux tal-UE, il-ħidma taċ-Ċentri ta' Referenza tal-UE għall-Benesseri tal-Annimali, u l-iżvilupp ta' regoli dettaljati, pereżempju dawk riċenti dwar il-bastimenti tal-bhejjem. Se nkompli naħdem mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati kollha permezz ta' varjetà

ta' strumenti u fora. Fejn jiġu identifikati problemi sistemiċi u sinifikanti ta' implimentazzjoni, insaħħa id-djalogu mal-Istati Membri rilevanti biex jinkisbu riżultati rapidi, dejjem bil-possibbiltà li jittieħdu miżuri ta' ksur jekk ikun meħtieġ.

Fuq livell globali, inkompli nippromwovi standards internazzjonali għoljin kemm f'fora multilaterali (b'mod partikolari l-standards internazzjonali tal-benesseri tal-annimali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali), ma' pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni bilaterali (pereżempju kapitolu dwar il-benesseri tal-annimali fil-ftehimiet kummerċjali). Dan huwa importanti biex jiġi żgurat li l-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin fl-UE jikkonformaw mar-regoli tal-UE jew l-standards ekwivalenti, u b'hekk tiġi miġġielda t-tellieqa lejn l-aktar livell baxx fl-standards tal-benesseri tal-annimali globalment, li jmur kontra l-aspettattivi ta' ċittadini tagħna. Iż-żewġ proposti leġiżlattivi l-aktar reċenti dwar il-benesseri tal-annimali (dwar it-trasport tal-annimali u dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates) it-tnejn jinkludu rekwiżiti għal standards ekwivalenti għall-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin fl-UE minn pajjiżi mhux tal-UE.

7. Bħala Kummissarju nnominat, kif tiżgura li r-riskji dejjem jiżdiedu minn tifqigħ ta' mard tal-annimali u reżistenza għall-antimikrobiċi jingħataw rwol aktar prominenti fil-politika tal-UE? X'tip ta' azzjonijiet tipproponi biex tiżgura t-titjib tas-saħħa tal-annimali u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali madwar l-UE, b'mod partikolari f'termini ta' prevenzjoni ta' mard, sorveljanza u bijosigurtà? Barra minn hekk, kif tipprevedi li tindirizza t-theddud dejjem jikber ikkawżat mill-mard transfruntier u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE? Kif tiggarantixxi li l-Kummissjoni futura tiżgura finanzjament u riżorsi adegwati biex tissaħħa ir-riċerka dwar l-iżvilupp ta' vaċċini affordabbli biex jiġi miġġield mard bħad-den tal-ħnieżer Afrikan u dwar il-prevenzjoni tat-tifrix tal-mard bħall-marda tal-ilsien blu?

Nimpenja ruħi bis-sħiħ li nsaħħa l-isforzi tagħna għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-mard tal-annimali u fil-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika.

Il-mard trażmissibbli tal-annimali ma jiqafx mal-fruntieri. Dan għandu impatt kbir fuq il-biedja u jhedded is-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni. Xi mard jista' jiġi trażmess ukoll lill-bnedmin. Il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali huma u se jibqgħu prijorità, anke għall-funzjonament sikur tas-suq uniku. Għal dan l-għan, jekk niġi kkonfermat se niżgura li s-sistema robusta tagħna għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-qerda tal-mard tal-annimali tiġi implimentata kif xieraq madwar l-UE. Bl-appoġġ tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority), se niżviluppaw u nimplimentaw miżuri bbażati fuq ix-xjenza għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali. Filwaqt li naħdmu flimkien mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, se niffukaw ukoll fuq mard zoonotiku bħall-influenza avjarja. Se nagħti attenzjoni partikolari lill-mard li jinġarr mill-vetturi, li johlq riskju dejjem akbar minħabba t-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-moviment tal-merkanzija u tal-persuni bejn il-fruntieri, u kuntatt aktar mill-qrib bejn il-bnedmin u l-organiżmi selvaġġi. Filwaqt li naħdem mill-qrib mal-Istati Membri, se nkompli nuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna biex nittrattaw it-tifqigħat tal-mard tal-annimali, inkluż it-Timijiet Veterinarji ta' Emerġenza tal-UE. Flimkien mal-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel, se naħdem biex niżgura li l-Politika Agrikola Komuni tinkludi sett komprensiv ta' għodod li jgħinu lill-bdiewa jipprevjenu u jtaffu l-impatt ekonomiku tal-mard tal-annimali u jsaħħu l-bijosigurtà fl-azjendi agrikoli.

Jekk niġi kkonfermat, mhux se nkun qed nillimita l-attenzjoni tiegħi għall-mard tal-annimali. Ir-reżistenza antimikrobika hija ta' tħassib kbir għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, għas-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel, u għall-ambjent. Fis-settur veterinarju, l-UE għamlet progress fit-tnaqqis tal-użu tal-antimikrobiċi. L-Istati Membri jirrapportaw id-data dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi veterinarji kull sena. Hawnhekk, il-politika tal-UE diġà qed tikseb ir-riżultati — diġà nkiseb aktar minn nofs it-tnaqqis mistenni fil-bejgħ tal-antimikrobiċi għall-annimali stabbilit fl-Istrateġija tagħna mill-Għalqa sal-Platt. Ladarba x-xejriet fil-bejgħ u fl-użu jsiru viżibbli maż-żmien, se nkunu nistgħu nivvalutaw il-ħtieġa għal miżuri mmirati addizzjonali.

F'konformità mal-politika dwar l-użu prudenti, il-pajjiżi mhux tal-UE li jixtiequ jesportaw l-annimali u l-prodotti tal-annimali lejn l-Unjoni jridu jirrispettaw ir-regoli tagħna li ma jużawx antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew antimikrobiċi riżervati fl-UE biex jiġu trattati l-infezzjonijiet tal-bniedem. Se jkun essenzjali li jitkompla l-monitoraġġ tar-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ispeċijiet ewlenin ta' annimali mrobbija fl-UE li jipproduċu l-ikel (pollam, ħnieżer u bovini). Għandna wkoll inżidu l-ħidma mal-Istati Membri fuq programmi ta' sorveljanza mmirati (eż. fl-annimali tal-akkwakultura) u nħeġġu lill-Istati Membri jistabbilixxu sorveljanza integrata tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u tal-konsum tal-antimikrobiċi, billi jintuża l-approċċ "Saħħa Waħda". Se neżamina wkoll ir-regoli tal-importazzjoni ta' annimali selvaġġi.

Fil-livell tal-UE, jeżistu miżuri armonizzati għad-detezzjoni bikrija tal-mard tal-annimali permezz ta' sistema żviluppata sew ta' notifika u ta' rapportar tal-mard tal-annimali kif ukoll permezz ta' sorveljanza stabbilita madwar l-Istati Membri. Għandna nkomplu ntejbju n-notifika u r-rapportar permezz ta' karatteristiċi ġodda tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali. Huwa importanti wkoll li jiġi minimizzat ix-xogħol doppju u li tiġi żgurata *data* konsistenti bejn il-pjattaformi permezz tal-interoperabbiltà tas-sistema ta' informazzjoni tagħna mas-sistema ta' notifika tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali. In-network tal-laboratorji tal-Unjoni għas-saħħa tal-annimali jiżgura dijanjożi ta' kwalità u armonizzata għad-detezzjoni bikrija u s-sorveljanza effettiva tal-mard tal-annimali. Fil-mira tiegħi se jkollu miżuri robusti u infurmati mix-xjenza billi nikkoopera mill-qrib mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u permezz tal-appoġġ xjentifiku tagħha. Forza tax-xogħol li tkun imħarrġa sew hija essenzjali biex il-miżuri tal-UE jiġu implimentati b'mod korrett fl-Istati Membri, għalhekk huwa importanti li tkompli tiżdied il-kapaċità fil-livell tal-Istati Membri billi l-uffiċjali jitħarrġu dwar is-sorveljanza, il-kontroll tal-mard, il-bijosigurtà u l-konformità mar-regoli tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali. L-awditi tagħna dwar is-saħħa tal-annimali għandhom ikomplu jinfurmaw l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE, billi jidentifikaw l-ostakli, l-isfidi u l-prattiki tajba, b'awditi effettivi li huma kruċjali biex jiġi żgurat tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza u teħid ta' deċiżjonijiet infurmat.

Huwa biss permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri li nistgħu nipprevjenu t-tixrid tal-mard tal-annimali madwar l-UE. Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf u n-network ta' Uffiċjali Kapijiet Veterinarji għandhom rwol ewlieni f'dan il-proċess. Jekk niġi kkonfermat, se nffitex ukoll li jkun hemm koordinazzjoni mill-qrib ma' korpi internazzjonali ewlenin li jistabbilixxu l-istandards bħall-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali. Se nkun qed insaħħaħ approċċ globali u reġjonali usa' għall-għieda kontra l-mard tal-annimali, filwaqt li naħdem id f'id mal-pajjiżi ġirien permezz tal-Qafas Globali għall-mard Transkonfinali tal-Annimali u tal-proġetti ta' bini tal-kapaċità reġjonali tagħna fil-Balkani tal-Punent. Rigward is-sikurezza tal-ikel, se nkompli niżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas legali tal-UE għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni ta' inċidenti trażmessi mill-ikel, filwaqt li nibni fuq l-esperjenza minn emerġenzi li kellna fil-passat.

Id-disponibbiltà ta' vaċċini sikuri u effettivi hija għodda ewlenija għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' tifqigħat tal-mard ewlieni tal-annimali. F'dawn l-aħħar ftit snin, il-Kummissjoni ddedikat aktar minn €20 miljun biex tiffinanzja r-riċerka dwar it-tilqim kontra d-deni tal-ħnieżer Afrikan. Se niżgura li l-Kummissjoni tkompli tagħmel disponibbli l-vaċċini meħtieġa għall-Istati Membri u għall-pajjiżi barra mill-UE permezz tal-banek tal-Unjoni tal-vaċċini tal-annimali, għodda li hija kritika għall-ġestjoni u r-rispons. Meta jiddeċiedu li jlaqqmu l-pollam, l-Istati Membri jridu jsegu l-miżuri fis-seħħ fil-livell tal-UE u f'konformità mal-istandards internazzjonali, biex jiżguraw l-aktar użu effettiv tal-vaċċini għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-marda. Jekk niġi kkonfermat, se nappoġġa li l-Istati Membri jlaqqmu kontra l-influenza avjarja, sabiex ma jitilfux l-aċċess għas-swieq.

8. Id-disponibbiltà ta' alternattivi effettivi u ekonomikament vijabbli hija l-fattur ewlieni fit-tnaqqis tal-użu tal-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti. Kif ittejjeb l-awtorizzazzjoni tal-kontroll bijoloġiku u l-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-pesti? Bħala Kummissarju nnominat, kif tistimula l-iżvilupp tal-bijopestiċidi, timmonitorja l-effettività tagħhom u tinkoraġġixxi l-użu tagħhom? Taħseb li l-aġenti ta' kontroll bijoloġiku għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' awtorizzazzjoni rapida? B'mod ġenerali, taħseb li huwa neċessarju li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni jitħaffu għal sustanzi attivi użati fil-manifattura ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti? Kif biħsiebek taġixxi kontra r-riskju li l-Ewropa se tispiċċa mingħajr prodotti effettivi biex tiġġieled il-mard tal-pjanti - speċjalment peress li pesti ġodda qed jemerġu f'ċerti reġjuni fil-kuntast tat-tibdil tal-klima? Kif tiżgura li l-Unjoni tibqa' attraenti għall-investment f'dan il-qasam? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-proċedura tal-UE ta' awtorizzazzjoni skont iż-żona għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti?

Iż-żieda fid-disponibbiltà tal-pestiċidi bijoloġiċi u pestiċidi oħra b'riskju baxx hija essenzjali biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi kimiċi. Il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-introduzzjoni tal-pestiċidi fis-suq hija adattata għall-fini ta' ħarsien ta' saħħet il-konsumaturi tal-UE permezz tal-istandards stretti tas-sikurezza tagħha, kif muri fl-evalwazzjoni REFIT tal-2020. Dan jipprovi serħan il-moħħ tanġibbli għaċ-ċittadini tagħna li huma l-aktar imħassba fuq l-impatt li l-użu tal-pestiċidi jħalli fuq is-sikurezza tal-ikel li jikkunsmaw.

Nikkunsidra li, oġġettivament, ir-rekwiżiti tal-UE jibqgħu fost l-aktar stretti fid-dinja u japprovaw is-sustanzi attivi u jawtorizzaw il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mal-aħħar xjenza. Ħafna sustanzi attivi li kienu fis-suq fil-bidu tas-snin disgħin, meta ġiet ippromulgata l-ewwel leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-pestiċidi, huma pprojbiti llum minħabba li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti esiġenti ta' sikurezza tagħna għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. Fl-istess ħin, kien hemm fluss stabbli ta' sustanzi attivi li għadhom kif ġew żviluppati bi proprjetajiet imtejba u li daħlu fis-suq. Dan juri li l-UE għadha attraenti għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp fil-protezzjoni tal-pjanti u tipprovi serħan il-moħħ li l-kumpaniji se jkomplu jġibu prodotti ġodda fis-suq tal-UE.

B'mod aktar speċifiku, skont il-leġislazzjoni eżistenti, id-disponibbiltà ta' kontroll bijoloġiku u ta' sustanzi b'riskju baxx żdiedet b'125 % matul l-aħħar 10 snin. Madwar nofs l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ġodda huma għall-bijopestiċidi. Il-passi li tteħdu dan l-aħħar issimplifikaw ir-rekwiżiti tad-*data* u l-metodi ta' valutazzjoni għall-pestiċidi bbażati fuq il-mikroorganiżmi, ikkomplementati minn gwida speċifika għal sustanzi oħra ta' bijokontroll bħal estratti tal-pjanti u feromoni biex jagħmluha aktar faċli biex l-applikanti jikkompilaw id-dossiers tagħhom u biex l-assessuri tar-riskju jirrieżaminawhom.

Jiena konxju li d-dewmien fil-proċeduri ta' approvazzjoni jfjxkel l-aċċess għas-suq tal-bijopestiċidi innovattivi. Dan huwa parzjalment dovut għall-fatt li l-għarfien espert dwar il-valutazzjoni tar-riskju għall-bijopestiċidi f'xi Stati Membri u fi ħdan l-EFSA għadu qed jiġi żviluppat. Jekk niġi kkonfermat, nimpjenja ruħi li nkompli bl-isforzi biex inżid l-għarfien espert u r-riżorsi tal-Istati Membri, u biex inhegġegħ lill-awtoritajiet nazzjonali jagħtu prijorità lill-valutazzjoni tar-riskju tal-bijopestiċidi. L-applikanti potenzjali huma intitolati li jingħataw parir qabel ma jippreżentaw id-dossiers tal-applikazzjoni — Se nappella biex l-Istati Membri joqogħdu attenti għall-ħtiġijiet partikolari tal-SMEs biex iħejju d-dossiers tal-applikazzjoni u jżidu l-involviment tal-EFSA fil-laqqgħat li jkollhom mal-applikanti qabel is-sottomissjoni. Dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-kwalità tad-dossiers, jiffaċilita l-valutazzjoni tar-riskju sussegwenti mill-Istati Membri u jnaqqas id-diffikultajiet matul l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-Istati Membri ssorveljata mill-EFSA.

Fir-Regolament attwali dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti, diġà għet stabblita proċedura rapida ta' awtorizzazzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, bħall-bijopestiċidi, iżda din ma tintużax biżżejjed. Bl-istess mod, l-Istati Membri ma jagħmlux użu biżżejjed mir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti u tal-awtorizzazzjonijiet żonali kif previst fir-Regolament. Kienet għażla konxja tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, meta adottaw ir-Regolament, li jħallu r-responsabbiltà tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'idejn l-Istati Membri, filwaqt li fil-livell tal-UE titwettaq biss l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi. Filwaqt li jirrifletti l-prinċipju tas-sussidjarjetà, dan l-approċċ jippermetti lill-Istati Membri jikkunsidraw l-awtorizzazzjoni ta' pestiċidi individwali abbażi ta' sitwazzjonijiet agroekoloġiċi varjabbli fit-territorji tagħhom stess. Madankollu, jekk niġi kkonfermat, naturalment se nissokta l-isforzi tal-Kummissjoni u nintensifikahom biex ngħinu lill-Istati Membri fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti, tar-rikonoxximent reċiproku u tal-kooperazzjoni żonali.

L-għodod diġitali u t-tekniki ta' applikazzjoni ta' preċiżjoni għandhom ukoll potenzjal sinifikanti biex itaffu r-riskji mill-użu tal-pestiċidi billi jnaqqsu l-kwantitajiet meħtieġa għall-protezzjoni tal-għelejjel. Jekk niġi kkonfermat, se nkun qed naħdem biex ninkludi dawn it-teknoloġiji fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju sabiex jiġu kkunsidrati bis-sħiħ qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-pestiċidi. Minbarra l-ispinta li tingħata lill-innovazzjoni u lill-immodernizzar tat-tagħmir biex jiġu applikati l-pestiċidi, dan se jippermetti lill-bdiewa jiksbu "aktar b'inqas" u jiffrankaw il-flus. Beħsiebni naħdem mal-Kummissarju għall-Agricoltura u għall-Ikel biex nappoġġa l-isforzi li jgħinu lill-bdiewa f'din il-bidla lejn tekniki diġitali u ta' preċiżjoni. Jiena konxju ħafna li l-pestiċidi huma parti essenzjali mis-sett ta' għodod li l-bdiewa jużaw biex jiproteġu l-għelejjel tagħhom u, meta xieraq, biħsiebni nqis bir-reqqa d-disponibbiltà ta' alternattivi fil-kuntest tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tal-pestiċidi.

Barra minn hekk, huwa importanti li jissaħħu l-prattiki għall-protezzjoni tal-għelejjel li jnaqqsu l-ħtieġa ta' pestiċidi kimiċi, bħall-Ġestjoni Integrata tal-Pesti. It-tlaqqiġ tal-Istati Membri ma' partijiet ikkonċernati oħra biex jagħtu ħarsa lejn kif tista' tittejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi tista' tkun proposta tajba għal wieħed mid-djalogi ta' implimentazzjoni ppjanati taħt dan il-portafoll. Minbarra d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati, se jitwettqu kontrolli fuq l-Istati Membri mis-sena d-dieħla biex jiġi vverifikat kif id-Direttiva qed tiġi implimentata fil-prattika. L-intenzjoni tiegħi hija li nkompli d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati u li nirrieżamina r-riżultati tal-kontrolli ppjanati qabel ma niddeċiedu x'inhil l-aħjar triq 'il quddiem.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

*9. X'miżuri konkreti tipprevedi biex tiddiversifika aktar il-ktajjen tal-provvista u tagħti spinta lill-kompetittività tas-settur tas-saħħa? Kif tippjana li tindirizza n-nuqqasijiet severi ta' mediċini u apparati mediċi fil-kuntest tal-Att dwar il-Mediċini Kritiċi? X'azzjonijiet ulterjuri tippromponi biex tiżgura d-disponibbiltà u l-kompetittività tal-apparati mediċi? X'miżuri taħseb li għandhom jiġu inklużi fl-Att Ewropew il-ġdid dwar il-bijoteknoloġija u fil-pjan ta' azzjoni dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa? Kif timmira li tlesti l-ispazju Ewropew tad-*data* dwar is-saħħa?*

Huwa kruċjali li l-industrija tas-saħħa tkun b'saħħitha u kompetittiva għas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħna u biex il-ħtiġijiet tal-pazjenti jitwiegħbu. Is-settur farmaċewtiku tal-UE jserraħ fuq bażi ta' manifattura b'saħħitha, li

timpjega 937,000 persuna direttament u tiżviluppa għarfien espert xjentifiku u ta' riċerka. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem biex insaħħaħ il-kompetittività tas-settur farmaċewtiku tal-UE, l-aktar billi naħdem mal-koleġżlaturi biex titlesta riforma farmaċewtika ambizzjuża li tinkludi proċeduri iqsar u simplifikati għall-awtorizzazzjoni, appoġġ regolatorju għall-kumpaniji li jiżviluppaw mediċini ġodda, speċjalment SMEs u negozji ġodda, u appoġġ għal approċċi ġodda bħal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.

In-nuqqas ta' mediċini kritiċi huwa tħassib serju li l-Parlament Ewropew ilu jirrikonoxxi mill-2020. Jekk niġi kkonfermat, se nressaq 'il quddiem l-approċċ stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 "Nindirizzaw in-Nuqqasijiet ta' Mediċini fl-UE". Il-prijorità ewlenija tiegħi f'dan ir-rigward se tkun li nappoġġa lill-koleġżlaturi fl-adozzjoni tar-riforma tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika. Din tippromponi pjanijiet għall-prevenzjoni tan-nuqqasijiet mill-kumpaniji, twissija aktar bikrija għan-nuqqasijiet u l-irtirar u koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-UE, kif ukoll l-istabbiliment ta' kif jiġu identifikati l-mediċini li għandhom jitqiesu kritiċi fl-UE. Se naġġorna l-lista tal-Unjoni ta' mediċini kritiċi u se nesplora l-modi kif l-akkwist pubbliku jista' jindirizza din il-kwistjoni.

Kif semmejt fid-dettall fil-mistoqsija 3, jekk niġi kkonfermat, se nikkomplementa l-miżuri fir-riforma farmaċewtika billi mmexxi 'l quddiem it-tnejniet għal Att dwar il-Mediċini Kritiċi, biex nipprovdi approċċ koordinat u sigur biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet severi ta' mediċini kritiċi, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Alleanza tal-Mediċini Kritiċi.

Is-settur tal-apparat mediku huwa wieħed mis-setturi l-aktar varjati u innovattivi tal-UE, b'aktar minn 37,000 kumpanija tat-teknoloġija medika, li 95 % minnhom huma SMEs, li jimpjegaw aktar minn 695,000 persuna. It-tranżizzjoni għall-qafas regolatorju l-ġdid tal-UE adottat fl-2017 kienet aktar diffiċli milli kien antiċipat. Jekk niġi kkonfermat, il-prijorità tiegħi se tkun li nikkonkludi l-evalwazzjoni mmirata li għaddejjja bħalissa tar-regolamenti attwali u li niġbor l-evidenza dwar il-ħtieġa għal bidliet leġiżlattivi potenzjali, filwaqt li nqis ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-sena l-oħra. L-għan tiegħi se jkun li nappoġġa l-innovazzjoni u nissalvagwardja d-disponibbiltà tal-apparati biex tiġi żgurata kura ta' kwalità għolja lill-pazjenti, inkluż apparat mediku għal mard rari mmirat lejn popolazzjonijiet żgħar ta' pazjenti. Se niffoka fuq it-titjib tal-predittività u se nesplora l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi, speċjalment għall-SMEs.

Kif spjegajt ukoll fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 3, jekk niġi kkonfermat, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tiegħi se tkun li nressaq Att ambizzjuż dwar il-Bijoteknoloġija, marbut ma' Strateġija usa' għax-Xjenzi tal-Flajja Ewropej biex is-settur tal-bijoteknoloġija tal-UE jerġa' jitqiegħed fuq quddiem, anke abbażi tar-rakkomandazzjonijiet deskritti mill-Professor Draghi. L-Att futur dwar il-Bijoteknoloġija se jagħti spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni billi jstimula l-investiment f'oqsma strateġiċi, bħall-iżvilupp kliniku u t-teknoloġiji ġodda ta' produzzjoni, inkluż għall-mediċini bijoloġiċi. Dan jista' jagħti ħarsa lejn kif kumpaniji bijoinnovattivi jistgħu jiġu meġġuna b'mod ġenerali, iżda wkoll lejn is-simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri regolatorji f'setturi partikolari, inkluż, naturalment, is-settur tas-saħħa. Qasam ieħor li għandu jiġi esplorat se jkun l-aċċess għall-IA u l-big data, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet. Għandna nagħtu attenzjoni partikolari lill-SMEs, lin-negozji l-ġodda u lill-ispin-offs, li huma l-muturi ewlenin tal-innovazzjoni fil-bijoteknoloġija, iżda spiss jitħabtu biex jespandu u jġibu r-riċerka fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni fl-Ewropa.

Se naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija fuq pjan ta' azzjoni Ewropew dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u l-fornituri tal-kura tas-saħħa bħala kwistjoni ta' prijorità fl-ewwel 100 jum tal-mandat, biex nipproteġi s-settur tal-kura tas-saħħa tagħna, fejn attakk ċibernetiku jista' jkun kwistjoni ta' ħajja jew mewt. Is-sistemi tas-saħħa qed ikunu dejjem aktar fil-mira taċ-ċiberkriminali u tal-gruppi ta' ransomware. Wieħed minn kull 12-il attakk ċibernetiku jkollu fil-mira tiegħu l-isptarijiet u l-fornituri tal-kura tas-saħħa, b'54 % tal-inċidenti li jkunu jinvolvu ransomware u 30 % li jimmiraw għad-data tal-pazjenti. L-impatt ta' attakk fuq is-sistemi tas-saħħa huwa estremament serju; attakki bħal dawn jistgħu jfixxlu l-kapaċità li l-isptarijiet jipprovdu kura u jikkompromettu data personali sensittiva dwar is-saħħa. Il-pjan ta' azzjoni se jissejjes fuq il-qafas eżistenti taċ-ċibersigurtà biex titrawwem ir-reżiljenza ċibernetika fl-isptarijiet u fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa. L-awtoritajiet fil-livelli kollha u l-industrija se jkollhom jaħdmu flimkien biex itejbu d-detezzjoni tat-tħedd, il-preparatezza, id-deterrenza u r-rispons għall-kriżijiet.

Fl-aħħar nett, il-ħidma li l-Parlament wettaq aktar kmieni din is-sena biex jiżgura li n-negozjati dwar ir-Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa (EHDS) jintemmu b'suċċess, twitti triq eċċellenti għal ħidma futura. L-EHDS huwa parti essenzjali mill-Unjoni Ewropea tas-Saħħa li se tiffaċilita l-użu ta' teknoloġiji avvanzati, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali, għall-benefiċċju tal-pazjenti, tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-universitajiet u tal-industrija, filwaqt li tiżgura l-oġġetta protezzjoni tal-privatezza tad-data tal-pazjenti. Issa wasal iż-żmien għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu fil-prattika. Jekk niġi kkonfermat, se niffoka fuq l-introduzzjoni tal-azzjonijiet fi ħdan il-mandat tal-Kummissjoni abbażi tal-iskeda ta' żmien fir-Regolament, inkluż

l-istandards u l-linji gwida meħtieġa, u niżgura l-iżvilupp ta' infrastrutturi diġitali siguri u robusti tal-UE biex jiġi ffaċilitat l-aċċess transfruntier għad-data dwar is-saħħa u l-użu sigur tad-data dwar is-saħħa għar-riċerka u t-tfassil tal-politika. Se nagħti attenzjoni partikolari biex nixpruna din l-inizjattiva ewlenija 'l quddiem sakemm titwettaq.

Mistoqsija mis-Sottokumitat għas-Saħħa Pubblika

10. Kif timpenja ruħek li taħdem fuq is-saħħa preventiva bħala wieħed mill-oqsma ewlenin, filwaqt li tiżgura approċċ komprensiv għall-promozzjoni tas-saħħa u għall-prevenzjoni tal-mard għat-tul kollu tal-ħajja? F'dan ir-rigward, bosta proposti fl-ambitu tal-pjan biex jingħeleb il-kanċer ġew imwiegħda fil-mandat preċedenti iżda ma twettqux mill-Kummissjoni preċedenti. Timpenja ruħek li twettaq l-azzjonijiet u l-miri neqsin fl-ambitu ta' dan il-pjan inklużi, fost l-oħrajn, rieżami tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar it-tabakk (inkluż l-indirizzar ta' prodotti ġodda bħall-vapes), proposti għat-tikkettar u għal twissijiet rigward is-saħħa fuq prodotti tax-xorb alkoħoliku? Fir-rigward ta' mard ieħor mhux komunikabbli, tista' ttipprovdi l-elementi ewlenin li se tressaq rigward approċċ komuni f'dawn l-oqsma? Se tkompli tiffoka fuq it-thegħiġ tal-immunizzazzjoni u tal-vaċċinazzjoni bħala komponenti ewlenin ta' dan l-isforz? Minbarra l-miżuri msemmija fl-ittra ta' missjoni tiegħek, tista' telabora fuq aktar azzjonijiet li se tiegħu fir-rigward tal-prevenzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa mentali u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Saħħa Mentali? Timpenja ruħek li twettaq ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-Apparati Mediċi u kif se tiżgura l-affordabbiltà, id-disponibbiltà, is-sikurezza u l-prevenzjoni tan-nuqqasijiet?

Il-mard mhux komunikabbli bħalissa jammonta għal kważi 80 % tal-piż tal-mard fl-UE u huwa l-kawża ewlenija tal-mortalità fl-UE. Dawn iċ-ċifri inkwetanti ħafna huma mbassra li jiżiedu, minħabba x-xejriet demografiċi fl-UE, b'popolazzjoni li qed tixjieħ malajr. Dan il-mard inaqqas il-kwalità tal-ħajja tan-nies, jaffettwa l-istennija tal-għomor, jaggrava l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi, u jħalli impatt qawwi fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u l-ekonomiji tal-Istati Membri, u jammonta għall-akbar sehem tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa fil-pajjiżi tal-OECD.

Il-Parlament Ewropew ta attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni. Naqbel bis-sħiħ li l-prevenzjoni hija l-aktar mod effettiv biex titrażżan l-inċidenza tal-mard mhux komunikabbli u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tas-saħħa tagħna. Ħafna mid-determinanti tas-saħħa (pereżempju l-attività fiżika jew in-nutrizzjoni) u l-fatturi ta' riskju (pereżempju l-użu tat-tabakk jew l-użu dannuż tal-alkoħol) huma l-istess f'każijiet differenti. Għalhekk, jekk niġi kkonfermat, se nindirizza l-isfidi speċifiċi ta' dan il-mard b'approċċ trażversali għall-prevenzjoni tul il-ħajja, filwaqt li nibni fuq azzjonijiet eżistenti dwar il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Dan l-approċċ trażversali se jkun l-aktar mod effettiv biex tiġi promossa azzjoni tas-saħħa pubblika li tkun effiċjenti u sostenibbli.

L-indirizzar tal-mard kardjovaskulari għandu jkun komponent ewlieni ta' dan l-approċċ trażversali. Il-mard kardjovaskulari huwa l-kawża ewlenija tal-mortalità u l-fattur prinċipali għall-mard u d-diżabbiltà fl-UE: il-mard kardjovaskulari u l-kanċer flimkien jikkawżaw aktar minn nofs l-imwiet prematuri fl-Ewropa. Jekk niġi kkonfermat, se nfitteż li nibni fuq l-azzjoni kollaborattiva eżistenti mal-Istati Membri, bħall-azzjonijiet konġunti dwar il-mard kardjovaskulari u d-dijabete u neżamina aktar il-konnessjonijiet mad-determinanti tas-saħħa, mal-fatturi ta' riskju u mal-kundizzjonijiet kroniċi bħall-obeżità. It-titjib tal-prevenzjoni u d-detezzjoni bikrija tal-mard kardjovaskulari jistgħu jkunu punti li nistgħu niffukaw partikolarment fuqhom. Għal dan l-għan, l-isfruttar sħiħ tas-soluzzjonijiet tas-saħħa diġitali, inkluż l-IA, se jgħin biex il-pazjenti tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-aħħar teknoloġija f'termini ta' dijanjostika u trattament ta' preċiżjoni.

F'dan il-qafas, jekk niġi kkonfermat, se nmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Ewropa biex jingħeleb il-Kanċer. Il-ġlieda kontra l-kanċer għadha waħda mill-akbar sfidi ta' żminijietna, kif enfasizza għal darb'oħra l-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni tiegħu tal-2022. Sal-lum, aktar minn 90 % tal-azzjonijiet fil-Pjan dwar il-Kanċer ġew implimentati jew għadhom għaddejjin. Iżda l-ħidma trid tkompli, flimkien magħkom, mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tal-pjan u tal-azzjonijiet ambizzjużi ferm tiegħu. Il-ħames edizzjoni tal-Kodiċi Ewropew Kontra l-Kanċer għandha titlesta s-sena d-dieħla, u b'hekk in-nies jingħataw is-setgħa li jnaqqsu r-riskju individwali tagħhom tal-kanċer, u pass ieħor se jkun in-Network tal-UE ta' Ċentri Komprensivi tal-Kanċer, li sal-2028 se jgħaqqad 100 struttura multidixxiplinari li jimmaniġġjaw l-aspetti kollha tal-kura tal-kanċer, ir-riċerka u t-taħriġ mediku speċjalizzat. Barra minn hekk, bejn l-2026 u l-2028, mistennija jiġu ppubblikati l-linji gwida u l-iskemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-kura tal-kanċer tal-pulmun, tal-prostata u tal-istonku biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' skrinjar, li jippermettu detezzjoni aktar bikrija li tista' ssalva l-ħajjiet.

Jekk niġi kkonfermat, parti mill-ħidma tiegħi biex inressaq 'il quddiem approċċ komprensiv għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard se tkun reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tat-tabakk, abbażi tal-ewalwazzjoni li għaddejjja bħalissa, u kif inhi appoġġata mill-Parlament Ewropew fl-2022. Wieħed mill-punti ta'

fokus għall-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa huwa dwar l-użu ta' prodotti emerġenti tat-tabakk u prodotti relatati, bħas-sigaretti elettroniċi, u d-dipendenza fuq in-nikotina. Dan huwa essenzjali biex it-tfal, iż-żgħażaġh u ċ-ċittadini b'mod ġenerali jiġu protetti aħjar mill-effetti negattivi ta' dawn il-prodotti. Beħsiebni wkoll nappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni proposta dwar Ambjenti mingħajr Duħħan u Aerosols, ladarba tiġi adottata mill-Kunsill. B'mod aktar ġenerali, nemmen li jeħtieġ li nirriflettu dwar kif nistgħu nbiddlu n-narrattiva dwar il-fatturi ta' riskju, inkluż l-alkoħol, u d-determinanti ekonomiċi tas-saħħa. L-attitudnijiet soċjali jistgħu jkunu xprun ewlieni għall-bidla.

It-tilqim huwa wieħed mill-aktar miżuri ta' prevenzjoni effettivi u kosteffiċjenti. Jekk niġi kkonfermat, fil-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni, se nieħu miżuri kontra l-miżinformazzjoni u l-eżitazzjoni għat-tilqim, se nimmonitorja l-kopertura tat-tilqim fl-Istati Membri, se nappoġġa l-kampanji ta' tilqim u se nġhin lill-Istati Membri jikkontrollaw it-tifqigħat possibbli ta' mard. Se nesplora l-modi kif nġhinu lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli strutturali għat-tilqim, mit-tnaqqis tal-ispejjeż u ż-żieda fl-aċċess għall-vaċċini, għall-indirizzar tal-ostakli amministrattivi u l-promozzjoni tal-użu ta' reġistri elettroniċi. Pereżempju, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li ġiet adottata dan l-aħħar dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bit-tilqim se tġhin lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-adozzjoni tal-vaċċini kontra l-papillomavirus umani fost il-bniet u s-subien u l-virus tal-Epatite B fost il-gruppi tal-popolazzjoni affettwati. L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tagħmel differenza reali.

Jekk niġi kkonfermat, inkompli wkoll bil-ħidma fuq is-saħħa mentali, qasam li huwa importanti ħafna għaċ-ċittadini tagħna. Diġà qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-problemi tas-saħħa mentali kienu jaffettwaw madwar persuna minn kull sitta fl-UE bi spiża ta' €600 biljun, jew aktar minn 4 % tal-PDG tagħna. Il-Parlament Ewropew irrikonoxxa li saħħa mentali aħjar hija xi ħaġa essenzjali kemm soċjalment kif ukoll ekonomikament, u beħsiebni nressaq 'il quddiem il-miżuri stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2023 dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali. L-implimentazzjoni tal-20 inizjattiva ewlenija stabbilita jew tlestiet inkella għadha għaddejja, iżda jeħtieġ inkompliment naħdmu mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati. L-approċċ komprensiv għas-saħħa mentali diġà jagħmel enfasi qawwija fuq it-tfal u fuq iż-żgħażaġh, li qed jiġu affettwati dejjem aktar minn disturbu tas-saħħa mentali: fl-2021, wieħed minn kull ħames adolexxenti kellu kundizzjoni ta' saħħa mentali. Filwaqt li t-tranżizzjoni diġitali ovvjament iġġib magħha benefiċċji kbar, ma nistgħux ma nagħtux kas l-iżvantaġġi tagħha: neħtieġu spazju diġitali aktar sikur u b'saħħtu għat-tfal li jindirizza r-riskji ta' preżenza online eċċessiva u l-użu tal-media soċjali, l-aċċess għal kontenut illegali jew mhux xieraq u l-bullying ċibernetiku. Il-Linji Gwida Politiċi enfasizzaw b'mod partikolari fuq dan il-qasam. Se naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għas-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija, il-Kummissarju għall-Ugwaljanza u l-Kummissarju għall-Ekwità Interġenerazzjonali, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Isport u se nmexxi inkjesta fl-UE kollha dwar l-impatt usa' tal-media soċjali fuq il-benesseri tan-nies, b'enfasi speċjali fuq it-tfal u iż-żgħażaġh. Neħtieġu bażi ta' evidenza b'saħħitha li fuqha jista' jiġi bbażat dibattitu: bdiet ukoll ħidma fuq sett ta' għodod ta' prevenzjoni għat-tfal li se jġhin biex jiġi mmappjat u indirizzat l-impatt tal-ħin quddiem l-iskrin u tal-media soċjali.

Kif spjegajt fid-dettall fit-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsijiet 9 u 3, jekk niġi kkonfermat, se nagħti prijorità lill-evalwazzjoni li għaddejja bħalissa tal-qafas regolatorju dwar l-apparati mediċi u se nqis bidliet leġiżlattivi potenzjali biex niżgura li l-qafas jappoġġa l-innovazzjoni u d-disponibbiltà ta' apparati biex tiġi ssalvagwardjata l-kura ta' kwalità għolja tal-pazjenti, inkluż għat-tfal. F'dan il-kuntest, se nħares lejn il-ftieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi, speċjalment għall-SMEs.